MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 86/2003/1

**John Cassar f' ismu proprju u ghan-nom ta' Giuglio Cassar li jinsab assenti, u Josephine Muscat**

**vs**

**Bernard Baldacchino; u b' digriet tat-8 ta' Mejju 2003 giet kjamata in kawza Mary Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Gunju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat li l-atturi pprezentaw avviz fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbu lil din il-Qorti tizgombra lill-konvenuti mill-ghalqa denominata bhala "Ta' Zarki" kontrada "Ta' Misrah Dalli", Mqabba liema ghalqa hija mqabbla lill-atturi u registrata mal-Joint

Office bin-numru 9701 0011 0006 tal-kejl ta' circa erbat elef, disa' mija u erbgha u sebghin kwadri (4974m.k) murija bordurata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u markata dok. A u sabiex ihalli l-istess ghalqa libera u battala favur l-atturi peress illi qed jokkupaw l-istess ghalqa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra nterpellatorja tad-29 ta' Ottubru 2002 kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew li:-

1. Illi fl-ewwel lok il-gudizju mhux integru stante li l-art in kwistjoni tinhadem ukoll minn martu.

2. Illi fil-mertu, mhux minnu li l-konvenut qed jahdem l-art in kwistjoni minghajr titolu validu fil-ligi stante li hemm qbiela antika kif ser jigi pruvat fit-trattazjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Illi nhar it-8 ta' Mejju 2003 deher l-attur assistit u in vista ta' l-ewwel eccezzjoni immresqa mill-konvenut, huwa talab il-kjamat in kawza ta' Mary Baldacchino mart il-konvenut.

Rat illi l-konvenut irrimetta ruhu fl-istess seduta ghall-gudizzju.

Il-Qorti b'digriet taghha ta' l-istess jum tat-8 ta' Mejju 2003 laqghet it-talba tal-attur u ordnat il-kjamat in kawza ta' Mary Baldachino u konsegwentement iz-zieda fl-okkju tal-kawza, u Mary Baldacchino prezenti fl-awla tat ruhha notifikata bl-avviz kif korrett u ghamlet taghha l-eccezzjoni fuq l-mertu eccepita minn zewgha l-konvenut.

Il-Konvenut **Bernard Baldacchino** xehed nhar it-8 ta’ Mejju 2003, u qal li l-art in kwistjoni tinsab fil-pusess tieghu u li jahdimha flimkien ma martu. Spjega li din l-art kienet giet imqabla lil missieru minn missier l-attur u mal-mewt ta’ missieru dahal hu biex jahdem r-raba bhala inkwilin.

Spjega li minn dejjem kien ighin lil missieru fir-raba’ u kien ghalhekk li l-kirja waqghet fuqu. Qal pero li l-art in kwistjoni huwa jafha bhala “Tas-Safra” ghalkemm indikata fil-pjanta esebita mal-avviz bhala “Ta’ Zarki”. Ikkonferma li missieru kien ihallas Lm4.50 qbiela fis-sena lil missier l-attur u ghal dan il-hlas kien jinghata ricevuta. Huwa esebixxa l-libretti relattivi li gew immarkati bhala dok. BB1 u dok. BB2 rispettivament. Spjega ulterjorment li Giuseppi Baldacchino imsemmi fir-ricevuti huwa missieru waqt li Paul Cassar huwa missier l-attur John Cassar. Qal ukoll li l-ircevuta li huwa ghandu ghas-sena 1995 hija iffirmata mis-sidien kollha u cioe Guza, John u Gulju hut l-attur.

Wara s-sena 1995 is-sidien ma accetawx aktar il-kera u missieru kien iddeposita l-qbiela l-Qorti u fil-fatt esebixxa d-dok. BB3 li hija kopja tac-cedola rispettiva. Wara l-mewt ta’ missieru beda jhallas il-qbiela hu wara li hutu kienu kkuntentaw u dan peress illi kien hu li kien jahdem ir-raba ma missieru minn mindu kien ghadu zghir. Jghid li r-raba hija anke registrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura f’ismu.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk jafx b’xi ftehim li kellu missieru mal-familja Cassar, huwa wiegeb fin-negattiv u qal li huwa qatt ma mar ghand xi avukat dwar din ir-raba.

**Mary Baldacchino**, il-Kjamata in kawza xehdet fl-istess seduta ta’ nhar it-8 ta’ Mejju 2003. Spjegat li ilha mizzewga ghoxrin sena u minn dejjem

ghenet lil zewgha fir-raba u sahansitra anke ghenitu qabel iz-zwieg. Qalet li f'xi zmien zewgha kien applika biex l-art mertu tal-kawza tigi registrata fuqu u billi rrizultalha li ta Cassar kienu ghamlu l-istess talba, id-dipartiment tal-Artijiet kien kitbilhom sabiex jara min kien jahdem ir-raba (dok. BB4). Hija tikkonferma li qatt ma rat l-atturi jahdmu din l-art jew jersqu lejha.

L-attur **John Cassar** xehed nhar it-18 ta' Gunju 2003 u stqarr li huwa flimkien mal-atturi l-ohra kienu wirtu din l-art minghand il-genituri taghhom li huma minn naha taghhom kienu wirtuha minghand l-antenati taghhom. Qal pero li kienet ghand il-genituri tieghu b'titolu ta' lokazzjoni u mhux b'titolu ta' proprjeta assoluta.

Ikkonferma li verament meta missieru kien ghadu haj kien halla lil Giuseppi Baldacchino jahdem ir-raba in kwistjoni u dan peress li kienu hbieb pero kien ihallsu qbiela fl-istess ammont li kien ihallas hu lil knisja. Qal li sar jaf dan kollu ricentement ghaliex meta miet missieru kienet ohtu li kienet qed tamministra l-affarijiet tieghu u qaltlu b'dak kollu li rrizultalha.

Fis-sena 1995 huwa mar ikellem lil Giuseppi Baldacchino u qallu li ried jiehu r-raba lura ghaliex xtaq ighamilha kollha dwieli. Hu pprotesta xi ftit ghaliex kien ilu zmien twil jahdimha izda talbu li jekk jghatihielu lura m'ghandux ighamillu vendikazzjoni u jghaddiha lil haddiehor. Jghid li ghalhekk huwa kkoncedilu terminu sakemm jista jiehu l-ucuh imbaghah mar ghand Dr. Toni Abela r-Rabat sabiex ighamilu ftehim. Jghid li huwa mar flimkien ma ohtu Guzeppi u mart Guzeppi. Jghid li hemmhekk huma ffirmaw l-kuntratt li gie esebit u markat bhala dok. JC1.

Skond dan il-ftehim li ghamlu (dok.JC1) Giuseppi Baldacchino u martu kellhom jitilqu r-raba in kwistjoni u jizgombraw minnu mhux aktar tard mil-

31 ta’ Lulju 1996. Pero meta skada dan it-terminu, dan Giuseppi Baldacchino ma riedx johrog u jirrilaxxja l-pussess tar-raba ghaliex issispetta li kien ser jghati r-raba lil haddiehor.

Huwa ghalhekk mar ghand l-Avukat tieghu u baghtulu ittra legali li kopja taghha giet markata bhala dok. JC2 datata 28 ta’ Ottubru 1998 fejn talab lil Baldacchino jitlaq mir-raba. Huwa mar ukoll ghand il-Joint Office sabiex jigi registrat bhala l-inkwilin izda gie infurmat li kien hemm Bernard Baldacchino registrat maghhom fuq din ir-raba bhala l-inkwilin tar-raba mertu tal-kawza.

Ikkonferma li huwa qatt ma ircieva pagament dwar din ir-raba la minghand il-familja Baldacchino u lanqas minghand haddiehor.

**Bernard Baldacchino** l-konvenut rega xehed nhar il-15 ta’ Jannar 2004 u pprezenta fotokopja ta’ cedoli ta’ depositu li huwa kien pprezenta l-Qorti liema cedoli gew markati bhala dokumenti BBA sa BBG.

**Vincent Grech** in rappresentanza tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt prodott mill-atturi xehed nhar id-9 ta’ Gunju 2004 u esebixxa estratt mill-files tal-Ufficcju kongunt li tirreferi ghall-art imsejha “Klawsura ta’ Zarti” fil-kontrada ta’ Misrah Dalli fil-limiti tal-Mqabba. Ikkonferma li din hija registrata bir-referenza 9701-011-0006 u dan id-dokument gie markat bhala Dok.VG1. Spjega li din kienet ir-referenza li ntuzat meta l-art giet mghoddija mill-Knisja lil Gvern. Huwa esebixxa ukoll pjanta tar-raba li giet markata bhala dok.VG2 u r-registrazzjoni tal-art mad-Dipartiment tal-Artijiet li giet markata bhala dok. VG3.

Skond id-dokumenti fil-pusess taghhom, il-persuna li hija intitolata u li ghandha titolu fuq l-art in kwistjoni huma l-eredi ta’ Paolo Cassar li kien joqghod 51, St. Catherine Street, Mqabba. Huwa

kkonferma li z-zewg ricevuti esebiti fl-atti u li jinsabu a fol. 69 kienu mahruga mill-Ufficcju Kongunt fl-1995 u 1996 u kienu jirrigwardaw il-kera li giet imhalsa minn Josephine Muscat ghall-eredi ta' Paolo Cassar. Mistoqsi min huma l-eredi ta' Paolo Cassar ix-xhud ma kienx f'posizjoni li jirrispondi.

**Dr. Toni Abela** prodott mill-atturi xehed nhar l-14 ta' Ottubru 2004 u kkonferma li l-iskrittura esebita a fol. 50 giet redatta minnu u gharaf ukoll l-ittra li kien kiteb ghan-nom tal-klijent tieghu John Cassar u martu Nadia u li baghat lil Joseph Baldacchino. Ftakar li Baldacchino kellu xi ktieb tal-qbiela u li ghalhekk sabiex jiffacilitaw il-proceduri kien ikun utli jekk dan Baldacchino jiffirma skrittura fejn qed jirrinunzja ghal kull jedd li seta' kellu.

Kien ghalhekk li lesta l-iskrittura esebita minghajr data ghaliex ma kientix intiza li tigi iffirmata quddiemu. Ghalhekk ma setax ighid x'gara min din l-iskrittura wara li kien ippreparha. Fil-fatt ikkonferma li l-iskrittura kienet bla firma kif kitibha hu meta ta lill-konjugi Cassar izda dik esebita l-Qorti hija ffirmata. Qal li l-partijiet ma iffirmawx quddiemu u li l-korrezzjonijiet li hemm imnizla fuqha ghamilhom hu qabel ma giet iffirmatha. Mistoqsi ta min huma l-firem fuq l-iskrittura esebita ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid. Mistoqsi jgharafx l-ittra esebit a fol. 52 ta' l-atti markata bhala dok. JC2 ix-xhud jghidli hija ittra miktuba minnu u mibghuta lil Joseph Baldacchino wara li giet iffirmata l-iskrittura esebita fl-atti a fol.50.

In vista ta' din ix-xhieda Dr. Bernard Grech ghan-nom tal-konvenuti talab in-nomina ta' espert tal-kaligrafija ghaliex kien qed jikkontesta l-awtenticita tal-firem tal-konjugi Joseph u Maria Margherita Baldaccchino. Il-Qorti laqghet tali talba u innominat lil Joseph Gaffiero ghal dan il-ghan u dan b'digriet taghha ta' l-14 ta' Ottubru 2004.

Illi nhar is-17 ta' Gunju 2005 l-espert **Joseph Gaffiero** halef ir-rapport tieghu li jinsab esebit fl-atti a fol.96 e kkonferma li l-firma ta' Marija Baldacchino fuq l-iskrittura dok JC1 hija miktuba minnha filwaqt li dik ta' zewgha Joseph hija ukoll miktuba minnha kif kienet imdorrija taghmel.

Illi nhar l-11 ta' April 2007 l-espert Gaffiero gie eskuss mill-partijiet u qal li huwa qatt ma kien iltaqa' ma Marija Baldachino ghalkemm seta ighid li kienet bniedma semi llitterata u wasal ghal din il-konkluzjoni wara li studja l-kaligrafija taghha. Huwa kkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-atturi pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Mejju 2007 u dik tal-konvenuti pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta'Gunju 2007.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi l-atturi odjerni jghidu li huma ulied Joseph Cassar (w eredi tieghu) li kien originarjamet kera r-raba mertu ta' din il-kawza lil missier il-konvenut, Joseph Baldacchino.

2. Illi missier l-attur kien kera l-ghalqa denominata Ta' Zarki kontrada ta' Misrah Dalli Mqabba lil missier il-konvenut ghal zmien twil versu l-korrispettiv ta' Lm4.50 qbiela fis-sena.

3. Illi meta miet missier l-atturi huma xtaqu jiehdu lura l-pussess tal-ghalqa u ghalhekk fis-sena 1995 marru jkellmu lil missier il-konvenut u talbuh johrog mill-ghalqa peress illi xtaqu jghamlu l-ghalqa bid-dwieli.

4. Ghall-ewwel missier il-konvenut ma xtaqx johrog mill-ghalqa u jcedi l-qbiela li kellu izda wara

xi zmien skond l-atturi dan ceda u accetta li jghamel hekk.

5. Illi l-atturJohn Cassara u martu Nadia ghalhekk marru ghand Dr. Toni Abela sabiex jottjenu xi parir u dan iffurmhom li kien ikun ahjar jekk missierhom jiehu att ta'cessjoni lil inkwilin li dak iz-zmien kien missier l-konvenuti sabiex l-istess inkwilin Guzeppi Baldacchino jintrabat li jcedi l-qbiela li kellu f'idejh lejn is-sid u cioe lil missier l-attur.

6. Illi din hija l-iskrittura li giet redatta minn Dr. Toni Abela kif konfermat minnu u esbita fl-atti a fol.50 immarkata bhala dok. JC1.

7. Illi konsegwentement missier l-konvenut miet u l-atturi xtaqu jirriprendu l-pusess tal-ghalqa pero l-konvenuti ma riedux johorgu mill-ghalqa ghaliex fil-fehma taghhom kellhom titolu fuqha.

8. Il-konvenuti xtaqu jibqghu jahdmu l-ghalqa u ghalhekk bdew jiddepositaw il-qbiela l-Qorti meta l-atturi ma accettawx aktar il-qbiela in kwistjoni.

9. Illi kien ghalhekk li l-atturi fethu din il-kawza ghall-izgumbrament tal-konvenuti.

Il-konvenuti minn naha taghhom qed ighidu illu huma ghandhom titolu validu fuq ir-raba mertu tal-kawza u dan ghaliex Bernard Baldacchino kien minn dejjem jahdem ir-raba ma missieru u ghalhekk mal-mewt tieghu u wara ta ommhom huwa wiret il-qbiela. Jirrizulta ukoll mill-provi li effettivament l-konvenut Bernard verament kien jahdem ir-raba r-raba tant li anke fid-Dipartiment tal-Agrikoltura fl-Ghammieri huwa kien registrat bhala l-inkwilin tar-raba.

Illi l-konvenuti jsostnu ukoll kif jirrizulta minn ezami tan-nota ta sottomissjoni taghhom li l-allegat att ta' cessjoni mhiex valida u dan ghaliex fl-ewwel lok

m'ghandiex data u fit-tieni lok mhiex iffirmata minn wiehed mill-komparenti izda minn terza persuna li ma tifformax parti mill-iskrittura.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li missier il-kontendenti kienu diga mietu qabel ma giet intavolata din il-kawza u ghalhekk ma xehdux f'dawn il-proceduri. Konsegwentement din il-Qorti trid tistrieh kemm fuq provi dokumentarja kif ukoll fuq ix-xhieda imresqa mill-partijier. L-atturi qed isostnu li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda dritt li jahdmu r-raba ghaliex missier Bernard Baldacchino kien diga ceda l-inkwilinat qabel ma miet liema cessjoni hi bazata fuq l-iskrittura redatta minn Dr. Toni Abela waqt li l-konvenuti qed ighidu li din l-iskrittura ma torbothomx ghaliex kif del resto ikkonferma l-espert kaligrafu tal-Qorti din l-iskrittura ma gietx ifffirmata minn l-inkwilin rikonoxxut ta' dak iz-zmien u cioe minn Joseph Baldacchino. Jirrizulta mill-perizja kaligrafika li saret li huwa minnu li Joseph Baldacchino ma iffirmax l-iskrittura izda kienet allegatament martu li ffirmat ghaliha u ghal zewgha. Illi pero minn ezami ta' l-atti ma jirrizultax li din kellha xi prokura ta' zewgha'. Lanqas jirrizulta jekk zegha kienx ghadu haj meta iffirmatha ghaliex data din l-iskrittura m'ghandhiex.

Illi qabel xejn il-Qorti jidhrilha tara u tasikura jekk il-konvenut Bernard Baldacchino jaqax taht id-definizzjoni ta' "kerrej" ghaliex fin-nuqqas il-kwistjoni tal-iskrittura ma tidhol fil-mertu tal-kawza. Illi l-kelma ghandha it-tifsira taghha fil-Kapitolu 199:-

"*Kerrej tinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja, u wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak , tinkludi fl-ordni ta preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnufih wabel il-mewt tal-kerrej, kien ighix mal-kerrej* ***jew kien jahdem ir-raba mieghu*** *jew*

*ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkludi ukoll, relattivament ghal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma ghandha titqies f'dik ir-relazzjoni bhala li jkollha l-istess tifsir bhala kerrej fl-estensjoni shiha tieghu.*"

Illi mhemmx dubbju mill-provi prodotti li l-konvenut huwa iben Guzeppi Baldacchino u lfil-mument tal-mewt tieghu kien jahdem ir-raba mieghu kif del resto jirrizulta anke mill-kotba tal-Ghammieri.

Illi ghalhekk din il-Qorti issa trid tezamina l-effett tal-allegat ftehim. In principju din il-Qorti taqbel ma dak li gie sottomess mill-avukat difensur tal-atturi li una volta l-inkwilin icedi d-drittijiet tieghu allura din iggib il-konsegwenza tat-terminazzjoni tal-kirja. Jinghad li "*la darba jispicca t-titolu ta inkwilin jispicca ukoll it-titolu derivattiv bhala sub inkwilin mhux rikonoxxut mis-sid*". (Vide **Patri Gulju Bonnici pro et noe vs Raymond Mifsud et** deciza nhar l-10 ta' Jannar 2003). Dan in omagg ghal principju "*cessante jure dantis cessat jus adquirementis*" (**Cecil Pace vs Nutar Vincent Maria Pellegrini** Appell deciz 19 ta' Ottubru 1962, **Gulab Chatlani vs George Grixti** Appell Kummerc 2 ta' Dicembru 1991).

Illi pero f'kaz li din il-Qorti thoss li l-ftehim ma huw wiehed validu allura dan ifisser li ma jkun saret l-ebda cessjoni u vermanet il-konvenut ikollu titolu validu fil-ligi.

Issa kif imfisser fis-sentnza moghtija mill-Qorti ta' l-Appel fl-ismijiet **Carmel u Victor Cordina kif ukoll Joseph Cordina vs Saviour Sciberras** deciza nhar is-6 ta' Settembru 2006 "*l-oneru tal-prova tal-kunsens tal-kontraenti cedenti tinkombi fuq min jinvoka c-cessjoni. Hu jehtieglu jiddimostra li kien hemm is-sostituzzjoni ta' soggett gdid (ic-cessjonarju) fil-posizzjnoi guridika, attiva u passive ta' wiehed mill-kontraenti originali (ic-cedent)*."

Issa skond is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appel fl-ismijiet **Mary Fenech et vs Carmelo Ellul et** deciza nhar is-6 ta’ Gunju 1990 “*Il-ligi biex tevita kwistjonijiet u s-suppozizzjonijiet ta’ approvazzjoni u kunsens tacitu, trid li l-kunsens ghas-sullokazzjoni jkun espress. Hija gurisprudenza ormai pacifika li biex ikun hemm cessjoni ta’ dritt, inkluz anki d-dritt ta’ inkwilinat, jehtieg li c-cessjoni ssir bil-miktub.*”

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur John Cassar flimkien ma martu kienu marru jkellmu lil Dr. Toni Abela meta miet missieru u talbuh parir dwar x’kellhom jghamli sabiex l-inkwilin tar-raba li wirtu minghand missieru jigi zgumbrat u l-istess Dr.Abela kien issuggerilhom li kellha issir skrittura ta’ cessjoni. Illi Dr. Abela jikkonferma li rrediga l-iskrittura pero kkonferma li l-partijiet ma ffirmawhiex quddiemu.

John Cassar imbaghad ighid li mar ghand missier l-konvenut flimkien ma ohtu u dan Guzeppi Baldacchino u martu kif ukoll hu u ohtu iffirmaw din l-iskrittura ta’ cessjoni. Illi haga ta l-iskantament l-attur ma gabx lill-ohta sabiex tikkolobora din ix-xhieda. Jirrizulta pero li ma huw minnu li Guzeppi Baldacchino ffirma din l-iskrittura nonostante dakli qal John Cassar u dan ghaliex l-espert tal-kaligrafija noiminat mill-Qorti qal li kienet martu Marija li iffirmat ghaliha u iffirmat ukoll isem zewgha. Illi dan zgur li mhux peremess molto piu meta tqis li ma jirrizultax ghalfejn hija iffirmat ghan-nom tieghu. Specjalment in vista ta dak li qal l-espert kaligrafiku li hija bniedma t’intelligenza limitata u semi llitterata.

Illi l-atturi l-ohra ahwa ta’ John lanqas ma xehdu biex jispjegaw meta effettivament iffirmaw din l-iskrittura u x’kienu ic-cirkostanzi. Illi minn ezami ta’ din l-iskrittura ma jirrizultax meta effettivament u allegatament giet iffirmata.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Mac Pherson Mediterranean Limited vs J. Lautier Company Limited** nhar 12 ta’ Dicembru 2002 fejn inghad li:- “*Fl-assenza tal-firem, il-prova trid issir sabiex tikkonferma dak indikat fl-iskrittura, trid tkun wahda konvincenti u konklussiva.*”

L-Awtur **Laurent** fil-ktieb **Principi di Diritto Civile** Vol. XIX pagna 196 jipprovdi li:- “*l-atto e’ uno scritto redatto per constatare un fatto guridico, ora e’ la sottoscrizzione che certifica cio che le parti constatano, non vi e dunque, atto senza firma.*” Dan il-principju hu konkordanti fil-gurisprudenza taghna li rriteniet li l-iskrittura ghandha tkun iffirmata miz-zewg partijiet jew awtentikata kif trid il-ligi ghax diversament ikun hemm in-nullita tal-konvenzjoni (**Vol. XXXII  P I p 92**).

Kif jinghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (per Onor. Imhallef Philip Sciberras) fl-ismijiet **Lilian Spiteri noe vs Anthony Sammut et** deciza nhar it-2 ta’ Lulju 2003 “*huwa pacifikament akkolt illi jekk skrittura private ma tigix iffirmata minn idejn kull wiehed mill-partijiet jeew ma tirrizultax l-awtentikazzjoni ta’ xi firem kif trid il-ligi din ma ghandha l-ebda validita legali (**Vol. XXXIII P III p 504; Vol XLVIII  P II p 826**).*

Jirrizulta ukoll minn ezami ta’ din l-iskrittura inezattezza ohra u cioe li l-komparenti iddikjaraw li Guzeppi Baldacchino kien qed jokkupa r-raba b’titolu ta’ mera tolleranza meta dan mhu veru xejn ghaliex kien ihallas il-qbiela skond ir-ricevuti ezebiti u mhux kontestati.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Bernard Baldacchino l-Qorti thoss li l-mertu taghha gie ezawrit meta l-Qorti ordnat l-kjamat in kawza ta Mary Baldacchino u ghalhekk qieghda tigi micduda.

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe li l-konvenuti ghandhom titiolu validu fil-ligi in vista ta dak li gie rilevat aktar ‘l fuq din sejra tigi milqugha.

Fil-fehma tal-Qorti din l-iskrittura ezebita fl-atti hija wahda suspettuza u ghalhekk thossha gustifikata li taddotta l-principju “*iuxta allegata et probate* konsegwit” bil-principju l-iehor “*actor non probante, reus absolvitur*.”

Ghal dawn il-motivi;

Taqta u tiddecidi l-kawza billi in raguni ghan-nuqqas ta’ prova sodisfacenti u univoka, tichad it-talba tal-atturi u tilqa l-eccezzjoni li l-konvenuti ghandhom titolu validu fil-ligi u tikkundanna lill-atturi jhallsu l-ispejjez tal-kawza.**”**

L-ilmenti ta’ l-atturi fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza, appellata minnhom, huma li gejjin:-

(1) Bl-argoment minnha sottopost ghar-*ratio decidendi*, l-ewwel Qorti kienet bazikament qeghda tiddikjara n-nullita ta’ l-iskrittura avolja ma tressqet ebda eccezzjoni fir-rigward. Huma jikkontendu illi l-inficjar ta’ l-iskrittura ma setax isir permezz ta’ dibattitu f’ nota ta’ osservazzjonijiet meta kienet tonqos eccezzjoni formali;

(2) L-ewwel Qorti ma tatx piz debitu lill-konkluzjonijiet ta’ l-espert gudizzjarju fis-sens illi kienet il-prassi bejn il-konjugi Baldacchino illi Maria Baldacchino tiffirma kemm f’ isimha kif ukoll f’ isem zewgha bis-sahha ta’ mandat verbali a norma ta’ l-Artikolu 1857 (2), Kodici Civili;

(3) Il-provi ma jsostnux il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti ili l-iskrittura kienet wahda “suspettuza”;

(4) Ukoll, il-provi kienu juru li l-atturi qatt ma rcevew kera minghand il-konvenut, li l-firem fuq ir-ricevuti

tal-qbiela ma kienux jikkwalifikaw bhala firem ta’ l-atturi, u li l-konvenut ma kienx lanqas jikkwalifika bhala “kerrej” taht il-Kapitolu 69 (*recte,* Kapitolu 199) ghaliex hu kkontestat li dan qatt hadem ir-raba’ ma’ missieru u, f’ kull kaz, fil-mument tal-mewt tieghu l-missier ma kienx hu wkoll “kerrej”;

Fil-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel motiv ta’ aggravju, ta’ indoli prettament legali, jixraq li, qabel xejn, tigi riprodotta din il-kronologija mill-atti processwali:-

(1) L-ewwel referenza ghall-iskrittura saret fil-kors tax-xhieda ta’ l-attur John Cassar (fol. 47) li semma l-antecedenti li wasslu ghaliha, kompriz il-fatt illi dik l-iskrittura giet sottoskritta minn Giuseppe Baldacchino fil-presenza tieghu u ta’ ohtu. Jigi notat li l-att promotur ta’ l-Avviz ma jsemmi mkien din l-iskrittura;

(2) Huwa importanti li jigi rilevat illi x-xhieda ta’ l-imsemmi attur segwiet dik tal-konvenut Bernard Baldacchino (fol. 10) fejn dan irrakkonta kif ipperveniet il-kirja tar-raba’ ghand missieru u kif din giet tramandata lilu. Din id-dikjarazzjoni tieghu kienet assistita minn esebizzjoni ta’ kopji ta’ ricevuti ta’ qbiela u minn cedoli ta’ depoziti wara li l-atturi rrifjutaw li jkomplu jircievu l-qbiela;

(3) Importanti bosta hu, imbaghad, il-verbal ta’ l-24 ta’ Novembru 2004 (fol. 85) fejn l-avukat tal-konvenuti ssolleva kontestazzjoni dwar l-awtenticita` tal-firem fuq l-iskrittura u talab in-nomina ta’ espert kalligrafiku biex dan jirrelata dwar il-punt kontrovers;

Huwa deducibbli minn dan il-kwadru illi, kif solitament hu l-kaz fi kwestjonijiet ko-involgenti l-asserzjoni ta’ titolu ta’ qbiela, issir l-inversjoni tal-provi biex il-konvenut imharrek isostni, bi provi, dik l-asserzjoni tieghu. Maghmula din il-prova, l-oneru jisposta ruhu fuq l-atturi biex dawn jirribattu dik il-prova permezz ta’ kontro prova. Hekk ukoll segwa l-*iter* f’ dan il-kaz, billi l-atturi, ghall-prova ta’ l-allegata lokazzjoni mill-konvenut, irribattewha bil-produzzjoni

minnhom ta' l-iskrittura li kienet tghid li l-genituri tal-konvenut kienu qed jokkupaw ir-raba' b' mera tolleranza u, f' kull kaz, li kull ftehim li talvolta seta' kien hemm kien qieghed issa jigi rexxiss. Gjaladarba, l-oneru rega', in vista ta' l-esebizzjoni ta' din l-iskrittura, sposta ruhu fuq il-konvenuti, dawn iddisputew il-kontro prova maghmula b' dik l-iskrittura billi ssollevaw il-punt tan-nuqqas ta' awtenticita` tal-firem. Naturalment huwa intwittiv illi l-konvenuti dan ghamluh in ripulsa ta' dik il-kontro prova biex juru li l-iskrittura ma kellha ebda effikacja probatorja kontra l-prova taghhom tat-titolu ta' qbiela vantat. Kwestjoni bhal din imqanqla ma kienetx timporta materja ta' nullita` jew annullibilita` li kienet iggib spostament tal-linja difensjonali kostitwita bl-eccezzjoni primarja izda wahda merament intiza bhala "incident" tal-kawza ghall-iskop li tirrendi ineffikaci l-prova pretiza mill-atturi illi l-awturi tal-konvenuti kienu accettaw li kull titolu li seta' kellhom jkun rexxiss;

Dan premess, ma jistax ikun dubitat illi l-effikacja probatorja ta' skrittura privata tippresupponi bhala kondizzjoni necessarja taghha l-awtenticita tas-sottoskrizzjoni taghha, ossija, li l-firma jew firem *in calce* huma dawk ta' l-awturi taghha. Dan anke ghaliex is-sottoskrizzjoni hi maghduda bhala element essenzjali ta' skrittura in kwantu hi xhieda tal-volonta tal-firmatarji li qed japprovaw il-kontenut taghha. Volonta din, li l-gudikant ikun irid jinterpreta biex jiddetermina l-portata ta' l-iskrittura ta' ftehim in relazzjoni ghall-fattispeci konkreti;

Tant hi importanti l-firma fuq skritturi privati illi sew id-dottrina legali sew il-gurisprudenza irrizolvew certi problemi applikativi taghha b' diversi modi. Il-Qorti mhix behsiebha hawn tidhol f' dibattitu akkademiku dwarhom imma tqis sufficjenti li tirregistra dak pacifikament stabbilit, u cjoe, illi "l-iskrittura privata jekk ma tkunx iffirmata personalment minn kull parti ghandha tigi awtentikata skond il-ligi, u dan taht piena ta' nullita`". Ara "**Alfred St. John -vs- Robert Magri**", Appell Civili, 4 ta' Dicembru, 1944; "**Paolo Sciberras -vs- Giorgio Baldacchino**",

Qorti tal-Kummerc, 15 ta’ April, 1949 u “**Maria Micallef *et* -vs- John Galea**”, Appell Civili, 9 ta’ Gunju, 1967. Dan wara kollox hekk jissanzjoni l-Artikolu 1233 (2) tal-Kodici Civili, f’ kombinazzjoni ma’ dawk tar-regoli dettati fl-Artikolu 634 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Fil-qosor hafna, dawn ir-regoli jsegwu din il-bixra, gja, *del resto*, approfondita minn din l-istess Qorti fis-sentenza recensjuri taghha tas-6 ta’ Frar, 2008 fil-kawza fl-ismijiet “**Maltacom plc -vs- Ibrahim Salifu**”. *In primis*, dik tar-rikonoxximent espressa mill-firmatarji jew fejn il-ligi prezuntivament tikkonsidraha li hi hekk rikonoxxuta. Dan skond il-mekkanizmu prevvist fl-Artikolu 634 (1). Apparti din l-ipotesi ta’ rikonoxximent, hemm dik ta’ l-awtentikazzjoni minn avukat, nutar jew prokuratur legali [Artikolu 634 (2)] u f’ certi kazijiet anke minn kappillan [Artikolu 634 (3)] in kwantu anke din titqies mil-ligi ekwipollenti ghal rikonoxximent. Fil-kaz konkret ebda wahda minn dawn l-ipotesijiet ma tinkwadra ruhha in kwantu l-awturi tal-firem - Maria u Giuseppe konjugi Baldacchino - kienu gja mejta u inoltre fuq l-iskrittura *de quo* ma tirrizulta ebda awtentikazzjoni minn bniedem professjonali gjaladarba, kif dikjarat mix-xhud Dr. Toni Abela, li rrediega l-iskrittura, il-firem ma sarux fil-presenza tieghu jew taht l-attestazzjoni tieghu. Fil-verita, hawnhekk si tratta minn diskonoxximent da parti ta’ l-aventi kawza ta’ l-imsemmija konjugi Baldacchino li b’ dik it-talba tieghu ghall-hatra ta’ espert kalligrafiku, kien qed jissottomentti li ma jaghrafx il-firma ta’ l-awtur tieghu missieru fuq dik l-iskrittura. Kif taraha din il-Qorti, ghal fini ta’ tali diskonoxximent ta’ l-awtenticita tal-firma fuq skrittura mhix mehtiega xi forma sagramentali jew specjali imma bizzejjed li tigi sollevata b’ mod car u univoku, anke jekk fil-kors tal-gudizzju;

Ir-rizultanzi tal-perizja kalligrafika ghal verifika tal-firma fit-termini ta’ l-Artikolu 635, Kapitolu 12 jistabbilixxu illi l-firma fuq l-iskrittura *de quo* ma saretx minn Giuseppe Baldacchino “*di proprio pugno*” imma minn martu Maria

Baldacchino. Apparti l-irregolarita sollevata mill-espert, il-Qorti tara li dik il-firma b' dak il-mod ma kellhiex, fil-minimu, dik l-individwalita` li tevidenzja li certa persuna kienet effettivament l-awtur tal-firma. Maria Baldacchino ma ffirmatx bhala mandatarja ta' zewgha izda assumiet il-paternita tal-kontenut ta' l-iskrittura billi ssostitwiet ruhha ghal zewgha bl-applikazzjoni ta' dik li apparentement kienet il-firma tieghu;

Dan premess, la darba l-atturi ressqu dik l-iskrittura *ad probationem tantum* biex jikkonfutaw it-tezi tal-konvenuti, dik il-perizja kienet hi wkoll taghmel "prova indizzjarja u sussidjarja" kontra l-atturi ghal konfort u c-certezza morali tal-gudikant fl-apprezzament tal-provi fil-kumpless tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Ara "**Rosario Briffa -vs- Geraldo Debono**", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' April, 1961 u "**Lawrence Cachia Zammit *et* -vs- Carmelo Chetcuti A.&C.E.**" Appell Civili, 19 ta' Gunju, 1950. Dan hu appuntu li ghamlet l-ewwel Qorti anke fil-kaz prezenti;

Naturalment, l-assenza tad-data fuq l-iskrittura kienet xi haga marginali tant ghaliex id-data ma tirrapprezentax element essenzjali ta' l-iskrittura, tant ghaliex ukoll il-mankanza taghha ma kienetx timpedixxi allura li l-iskrittura ggorr l-effikacja ta' prova shiha fil-konkorrenza ta' elementi jew mezzi ohra ta' provi. Ara a propozitu "**Giovanni Fiott -vs- Avv. Dr. Lorenzo Cauchi**", Appell Civili, 15 ta' Dicembru, 1947. Mhux l-istess pero` jista' jinghad dwar is-sottoskrizzjoni ta' l-iskrittura. Certament, trattasi l-importanza taghha, ma jistax jigi accettat illi l-firma ta' persuna tigi surrogata minn persuna ohra li tiffirma minflokha, u mhux ukoll ghan-nom taghha. Prassi bhal din ma jistax ikollha l-impronta tal-legalita` u mhux lecitu li tigi accettata qisu mhu xejn;

Din il-Qorti, imbaghad, ma tistax lanqas taccetta c-censura ta' l-appellanti kontra l-ewwel Qorti fejn din irrimarkat li l-iskrittura kienet sospetta. L-ewwel Qorti kienet f' qaghda li tapprezza r-rizultanzi peritali fil-konkors

ta’ elementi probatorji ohra akkwiziti fil-process u tapplika dwarhom l-poter diskrezzjonali tal-valutazzjoni. Mhux l-anqas, fejn hekk irrizultalha li dawn l-istess rizultanzi jizmentixxu d-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-appellanti John Cassar li Giuseppe Baldacchino kien iffirma fil-presenza tieghu u ta’ ohtu, li, incidentalment baqghet ma xehdetx. Dik id-dikjarazzjoni, komparata mal-konkluzjoni tal-perizja kalligrafika, kienet tali li tingenera fiha suspett fondat li l-iskrittura innifisha ma kellhiex korrispondenza fil-verita jew, ghallanqas, ghal dak realment avvenut;

Dan kollu jwassal ghal konsiderazzjoni ta’ l-ahhar aggravju. Ibda biex, il-konvenut appellat ma setax offra kera lill-atturi jew dawn accettaw kera minghandu, gjaladarba, gja meta kien ghadu haj missieru, il-kera beda jigi depozitat fil-Qorti u hu kompla jsegwi din il-prattika wara mewtu. Ara deposizzjoni tal-konvenut a fol. 11. Fit-tieni lok, is-successjoni fit-titolu ta’ qbiela li kellu missieru, attiz li l-iskrittura, ghar-ragunijiet sottomessi, ma kellha ebda effett probatorju effikaci, kienet tinkwadra ruhha fid-definizzjoni li l-Kapitolu 199 jaghti lill-kelma “kerrej”. Minn ebda prova ma jinsab kontraddett dak mistqarr mill-konvenut appellat illi hu kien jghin fil-kultivazzjoni tar-raba’ flimkien ma’ missieru. Ara xhieda tieghu a fol. 10.

Ghal motivi kollha predetti l-appell qed jigi rigettat fil-kapi kollha ta’ l-aggravji tieghu u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jibqghu sopportabbli mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------